



Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5038/25

LIMITE

ECOFIN 31
UEM 30

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 126 TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli u inklużiv b'saħħtu bbażat fuq stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-oġettivi tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u impjegi.
- (3) Fit-30 ta' April 2024 daħal fis-seħħ il-qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE. Il-qafas jinkludi r-Regolament (UE) 2024/1263¹ tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Huwa jinkludi wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97² dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265³ tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

¹ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>.

² ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>.

³ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj>.

- (4) Ir-Rumanija ilha soġġetta għal proċedura ta' defiċit eċċessiv minn April 2020. Fit-3 ta' April 2020, il-Kunsill, filwaqt li aġixxa fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/509 skont l-Artikolu 126(6) TFUE dwar l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija minħabba nuqqas ta' konformità ppjanat mal-kriterju tad-defiċit tat-TFUE, u ħareġ Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) TFUE bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern sa mhux aktar tard mill-2022⁴. Fid-dawl tat-tnaqqis profund fl-attività ekonomika marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) TFUE għar-Rumanija, li testendi l-iskadenza għall-korrezzjoni sa mhux aktar tard mill-2024. Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Rumanija kienet ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 skont l-Artikolu 126(7) TFUE u qieset li ma kien meħtieġ l-ebda pass addizzjonali fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Madankollu, fl-2023 is-subkomponenti kollha tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lir-Rumanija fl-2021 ma ntlaħqux b'marġni sinifikanti. Id-defiċit nominali kien oġġla b'mod sinifikanti (6,5 % tal-PDG vs 4,4 % tal-PDG fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill), l-isforz strutturali kien ħafna aktar baxx minn dak rakkomandat, u t-tkabbir fin-nefqa netta kien ferm oġġla minn dak rakkomandat. Għalhekk, fis-26 ta' Lulju 2024 il-Kunsill adotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 126(8) TFUE dwar in-nuqqas ta' azzjoni effettiva⁵.

⁴ Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv tar-Rumanija jinsabu fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/romania_en.

⁵ ĠU L, 1.8.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2024/2130/oj>.

- (5) F'każ ta' azzjoni mhux effettiva minn Stat Membru, l-Artikolu 126 TFUE jirrikjedi li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni riveduta indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'perjodu partikolari. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, dik ir-rakkomandazzjoni sservi wkoll biex tiġi stabbilita skadenza massima ta' 6 xhur għal azzjoni effettiva li għandha tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv, li tista' titnaqqas għal 3 xhur meta jkun iġġustifikat mis-serjetà tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jitlob lill-Istat Membru jimplementa perkors tan-nefqa netta korrettiv⁶, biex jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġiebu u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-iskadenza stabbilita f'dik ir-rakkomandazzjoni. Meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun infetħet abbażi tal-kriterju tad-defiċit, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv għandu jkun konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni jaqbeż il-valur referenzjarju. Il-Kummissjoni tista', matul perjodu ta' tranżizzjoni fl-2025, fl-2026 u fl-2027, taġġusta l-parametru referenzjarju biex tqis iż-żieda fil-pagamenti tal-imgħax meta tkun qed tistabbilixxi l-perkors korrettiv propost għal dawk is-snin, b'qies tal-premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2024 qieset li l-pass li jmiss fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv, jiġifieri rakkomandazzjoni riveduta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, iseħħ wara l-preżentazzjoni tal-pjan fiskali strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Artikolu 11 u l-Artikolu 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rewżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbiliti fil-pjan fiskali strutturali fuq terminu medju. Din l-iskeda ta' żmien u l-qsim tad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 126(6) u l-Artikolu 126(7) huma eċċezzjonali u marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk ma jistabbilixxux preċedent.

⁶ Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

- (7) FI-2023 il-PDG reali fir-Rumanija żdied bi 2,4 %. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija hija mistennija li tikber b'1,4 % fl-2024, b'domanda domestika qawwija kkumpensata minn kontribuzzjoni negattiva mill-esportazzjonijiet netti. FI-2025, il-PDG reali huwa mistenni li jiżdied b'2,5 %, xprunat minn żieda gradwali fid-domanda esterna u fl-esportazzjonijiet, aktar tnaqqis fil-kundizzjonijiet finanzjarji, konsum privat reżiljenti, aċċellerazzjoni fl-investment privat, u appoġġ minn investment iffinanzjat mill-UE fl-infrastruttura pubblika. Ir-rata tal-qgħad hija pprojetjata li tibqa' stabbli għal 5,5 % fl-2024 u l-2025. L-inflazzjoni mistennija tonqos minn 9,7 % fl-2023 għal 5,5 % fl-2024, u mbagħad għal 3,9 % fl-2025.
- (8) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat fit-22 ta' Ottubru 2024⁷, id-defiċit tal-gvern estiż fir-Rumanija kien ta' 6,5 % tal-PDG fl-2023. It-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 8,0 % tal-PDG fl-2024 u 7,9 % tal-PDG fl-2025, u b'hekk ogħla mill-valur referenzjarju fis-sentejn li huma. Id-defiċit strutturali huwa pprojettat għal 7,4 % tal-PDG fl-2024 u huwa mistenni li jibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess fl-2025.
- (9) Fi tmiem l-2023, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 48,9 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, huwa pprojettat li jiżdied għal 52,2 % tal-PDG fi tmiem l-2024 u 56,1 % tal-PDG fi tmiem l-2025, u b'hekk jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG.
- (10) Fil-25 ta' Ottubru 2024, ir-Rumanija ppreżentat l-ewwel pjan fiskali strutturali nazzjonali tagħha fuq terminu medju, f'konformità mal-Artikolu 11 u l-Artikolu 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263. Il-pjan ikopri l-perjodu 2025-2031 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 7 snin. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali fuq terminu medju tar-Rumanija għas-snin 2025 sa 2031 u li tapprova sett ta' riformi u impenji ta' investment fil-pjan li jirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament tirrakkomanda perkors tan-nefqa netta li jqis ir-rekwiżiti meħtieġa għal perkors korrettiv u għandu jiġi rakkomandat bħala l-perkors tan-nefqa netta korrettiv skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Għaldaqstant, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv huwa konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97.

⁷ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' Ottubru 2024. Ara: <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22102024-ap>.

- (11) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta, bħala l-unika referenza operazzjonali tal-monitoraġġ tal-konformità, li huwa stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan tar-Rumanija u f'din ir-rakkomandazzjoni, u fuq il-bażi tal-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni Ewropea u t-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos minn 8,0 % tal-PDG fl-2024 għal 2,9 % sal-2030. Madankollu, abbażi tas-suppożizzjonijiet tal-pjan, id-defiċit għandu jkun taħt il-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 % biss fl-2031.
- (12) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiv li għandu jġi rakkomandat, il-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni Ewropea, u t-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-dejn tal-gvern estiż ser jiżdied minn 52,2 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 59,4 % fl-2030.
- (13) Il-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja għandhom jiżguraw korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv, filwaqt li jkunu mmirati lejn it-titjib tal-kwalità u l-għamla tal-finanzi pubbliċi, il-ħarsien tal-investiment u t-tiħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija. Ir-riformi ta' natura fiskali u ekonomika usa' (inkluż ir-riformi li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, kif speċifikat fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fuq terminu medju tar-Rumanija⁸), għandhom itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija b'mod sostenibbli, u jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali.
- (14) Il-Kunsill jieħu nota li l-metodoloġija preċiża għall-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva fil-kuntest tal-qafas fiskali l-ġdid għadha ma ġietx elaborata bis-siħ u għalhekk iqis li diskussjoni f'waqtha dwar il-metodoloġija hija ġġustifikata.
- (15) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament 1467/97, deċiżjoni tal-Kunsill biex titħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) TFUE meta d-defiċit ikun tniżżel taħt il-valur referenzjarju u jkun ipprojettat mill-Kummissjoni li jibqa' hekk fis-sena attwali u dik ta' wara.

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tar-Rumanija, 26.11.2024, COM(2024) 725 final.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Ir-Rumanija għandha tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta ma taqbiżx il-massimi stabbiliti fl-Anness I.
2. Għaldaqstant, ir-Rumanija għandha ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2030.
3. Il-Kunsill jistabbilixxi l-iskadenza tat-30 ta' April 2025 biex ir-Rumanija tieħu azzjoni effettiva u tippreżenta l-miżuri meħtieġa flimkien mar-rapport ta' progress annwali tagħha tal-2025, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Minn hawn 'il quddiem, ir-Rumanija għandha tirrapporta dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni mill-inqas kull 6 xhur, sakemm id-defiċit eċċessiv ikun ikkoreġut.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Rati massimi ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi, f' termini nominali)

Ir-Rumanija

Snin		2025	2026	2027	2028	2029	2030
Rati ta' tkabbir (%)	Annwali	5,1	4,9	4,7	4,3	4,2	3,9
	Kumulattiv*	20,2	26,0	31,9	37,6	43,3	49,0

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattivi huma kkalkolati b'referenza għas-sena bażi tal-2023.